MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 654/2008

Fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 354/01JRM u tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Qbid Numru 3031/01 fl-ismijiet:

Rudolph **GAERTY**

vs

Paul **CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Paul Caruana (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat") fis-26 ta' Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (a) tħassar għal kollox, jew f'biċċa minnu, għall-finijiet tal-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Mandat ta' Qbid maħruġ kontrih mill-intimat Rudolphe Gaerty (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutant") fit-30 ta' Ottubru, 2001; (e) tikkundanna lill-istess eżekutant iħallasu penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (f) f'każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmi Mandat, li torbot lill-istess intimat eżekutant biex iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fl-10 ta' Diċembru, 2008, li biha laqa' għat-talbiet kollha tar-rikorrent eżekutat billi miera waħda waħda r-raġunijiet li għalihom tressqu l-istess talbiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qiegħed jitlob li jitneħħew l-effetti ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ kontrih mill-intimat eżekutant f'Ottubru tal-2001;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent bħala dawk li għalihom qed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (b) li, fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimat eżekutant jiġi ordnat iħallasu penali u li jagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtih, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huwa jista' jkun kundannat li jħallas lir-rikorrent eżekutat minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba. Fl-aħħarnett, qiegħed jitlob ukoll li jekk kemm-il darba l-Qorti ma ssibx li għandha tordna t-tħassir tal-Mandat, l-eżekutant għandu jkun ordnat iressaq garanzija tajba biżżejjed biex

tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad-danni u mgħax;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrent eżekutat Paul Caruana fit-30 ta' Ottubru, 2001. L-eżekutant ressaq it-talba tiegħu biex iħares pretensjoni fis-somma ta' mija u tmenin elf lira Maltin (Lm 180,000) u dan taħt il-kawżali ta' "ammont kalkolat għall-fini ta' dan il-Mandat rappreżentanti danni finanzjarji inkluż telf ta' negozju u spejjez, salv telf, ħlasijiet u tbatija finanzjarja oħra, in kawtela ta' l-interessi tal-esponenti għall-liema talba ġiet ippreżentata kontro-talba fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 354/01JRM". Bħala eżekuzzjoni, l-eżekutant talab li din issir fuq it-targi ta' erba' (4) vetturi f'post partikolari fil-Madliena. It-talba ntlaqgħet dak inhar li tressaq ir-rikors. Meta l-Marixxall mar jesegwixxi l-Mandat fl-20 ta' Novembru, 2001[2], billi esegwixxa fuq żewġ vetturi biss (qabadhom) u ħatar bħala kunsinnatarja lil oħt l-eżekutat. F'Jannar tal-2002, l-eżekutant ressaq rikors biex jitlob lill-Qorti tordna li l-Mandat ikun esegwit kif ordnat u b'mod sħiħ. Dik it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti aktar tard dak ix-xahar stess[3];

Illi f'xi żmien matul l-2003, l-eżekutant fetaħ kawża kontra l-eżekutat u kontra oħtu Tamara Brincat biex jitlob it-teħid ta'

---

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[2] Riferta f'paġ. 6 tal-atti
[3] Paġ. 7 tal-atti

provvedimenti wara li l-eżekutat deher isuq xi wħud mill-vetturi milquta mill-Mandat. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2005[4], l-Qorti, fost l-oħrajn, laqgħet it-talbiet tal-attur għat-tneħħija ta' Tamara Brincat minn kunsinnatarja u biex jittieħdu passi kontra l-eżekutat għal sperġur. Ordnat ukoll li t-targi tal-vetturi li ntraddu lura lill-Awtorita' dwar it-Trasport jinżammu minnha sakemm il-Mandat ta' Qbid jibqa' fis-seħħ. Dan ir-rikors tressaq f'Ġunju tal-2008;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, l-eżekutat qiegħed jibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi l-eżekutat isemmi żewġ kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa. Dawn huma li l-ammont imsemmi fil-Mandat m'huwiex ġustifikat mad-daqqa t'għajn, u li m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ;

A) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Ir-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu dwar din il-kawżali billi jirreferi għall-fatt li d-danni li l-eżekutant jista' qatt jippretendi huma biss dawk dwar telf attwali, u għalhekk is-somma msemmija mill-istess eżekutant hija manifestament waħda eċċessiva;

[4] Dok "RG1", f'paġġ. 25 – 30 tal-atti
[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[6]. Minn dak li ħareġ waqt it-trattazzjoni, il-Qorti ssib li l-intimat eżekutant Gaerty għandu pretensjoni ta' ħlas ta' danni f'kontro-talba għal kawża fejn l-eżekutat qiegħed iressaq pretensjoni ta' madwar tlitt mitt elf lira Maltin. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li l-eżekutant tassew jistħoqqlu l-ħlas ta' danni u f'liema ammont, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-istess kontro-talba mressqa mill-intimat u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimat wettaq il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilu, imma biss li dak li jrid iħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru;

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[7] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

[6] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[7] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi l-argument imressaq mill-eżekutat dwar din il-kawżali ma jistax jitqies bħala wieħed għal kollox siewi f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex l-allegazzjoni tiegħu m'hijiex aspett li jista' jew għandu jiġi determinat *prima facie* f'din il-proċedura[8];

Illi għal din ir-raġuni l-Qorti ma ssibx li t-talba tal-eżekutat fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, l-eżekutat ma jressaq l-ebda raġuni partikolari. X'aktarx jistrieħ fuq l-istess argument li nqeda bih għall-kawżali ta' qabel. Jidher li l-eżekutat ma fehemx x'għandu jirriżulta taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex il-Qorti twaqqa' l-Mandat maħruġ kontih. Għal darb'oħra, is-siwi tal-argument tiegħu isir magħruf biss meta l-Qorti tistħarreġ il-mertu tal-kwestjonijiet li jagħmlu mill-kawża u l-kontro-kawża;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, meta l-Qorti sejra tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutant m'għandu jitħallas xejn bħala danni, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[9]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

[8] Ara P.A. GC **26.4.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services Limited et***

[9] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li l-eżekutat ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi l-eżekutat talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Qbid taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimat eżekutant ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' juri li ġarrab minħabba l-Mandat. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi, għar-rigward tat-talba għall-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tal-penali, din il-Qorti tqis li ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biex tikkundanna lill-eżekutant biex iħallas penali lir-rikorrent eżekutat. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess eżekuta li 'l quddiem u fis-sedi xierqa jressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom hija tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward iżjed 'il quddiem;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, il-Qorti tqis li f'dan ir-rigward, ir-rikorrent naqas li jressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li jsemmi raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tiegħu;

Illi l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-

artikolu[10]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[11], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[12] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-eżekutat billi:

**Tiċħad it-talbiet kollha** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess eżekutat.

Mogħti kameralment illum, l-10 ta' Settembru, 2009.

---

[10] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[11] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[12] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------